MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tat-23 ta' Settembru, 2013

Avviz Numru. 293/2012

**Mark Anthony Dimech**
**vs**
**Dr. Toni Abela**

Il-Qorti,

Rat l-avviz ippresentat mir-rikorrenti fit 30 ta' Awissu 2012 fejn ir-rikorrenti ghamel referenza ghall-artikolu illi deher fil-gazzetta l-Kullhadd fit-8 ta' Lulju 2012 intitolat 'Caruana Galizia Tissindika lil min jaqbilla' li maghha kien hemm ritratt tar-rikorrent, liema artikolu, ir-rikorrent ikkontenda, kien libelluz u malafamanti fil-konfront tar-rikorrent.
Rat ir-risposta ippresentata mill-intimati fl 1 ta' Ottubru 2012 fejn stqarr illi huwa ezercita d-diligenza rikjesta mill-Ligi bhala editur u ma kellu ebda animus iniuriandi fil-konfront tar-rikorrent. Apparti minn hekk, huwa ikkontenda illi d-danni sofferti mir-rikorrenti huma biss "Contemptous and Nominal damages" u ghalhekk, calfira tkun oltre milli sufficjenti.
Semghet ix-xhieda ta' **Mark Anthony Dimech** moghtija fl-14 ta' Jannar 2013.

Rat illi fl 14 ta' Jannar 2013 ir-rikorrent iddikjara illi ma kellhux aktar provi x'tippresenta.
Rat illi fil 15 ta' April 2013 u fit 3 ta' Gunju 2013, l-intimat ma deher qatt u ghalhekk, fit 3 ta' Gunju 2013, il-Qorti iddikjarat il-provi bhala maghluqa.
Illi fis-6 ta' Gunju 2013 l-intimat ippresenta rikors ghas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex ikun jista jaghmel il-kontro ezami tar-rikorrent u jressaq il-provi tieghu. Illi, peress illi l-intimat seta facilment jaghmel dan kieku deher fid-data u hin fissata minn dina l-Qorti ghal provi tieghu, il-Qorti cahdet it-talba tieghu.

**Ikkunsidrat**
Illi, mill-provi prodotti, jidher illi l-intimat, fit 8 ta' Lulju 2012, ippubblika storja bi prominenza kbira fuq pagna 3 intitolat "*Caruana Galizia tisindika lil min jaqbilla*", imbghad, fil-gemb ta' tali storja, hemm ritratt pjuttost imdaqqas tar-rikorrent u tahtu hemm il-kitba "*wiehed mis-suldati akkuzati bil-qtil ta' Zoto, Mark Anthony Dimech, huwa ammiratur ta' Lawrence Gonzi. Imma dwar dan Caruana Galizia ma qalet xejn*". Fl-artikolu, imbghad, meta kien qed jaghmel referenza ghal Mark Anthony Dimech, l-artikolist indikahbhala "*wiehed mis-suldati tal-Forzi Armati li qed ikun akkuzat bil-qtil volontarju tal-immigrant irregolari mill-Mali.*"
Illi, mill-provi dokumentarji ppresentati mill-intimat flimkien mal-eccezzjonijiet, jidher illi fuq is-sit elettroniku ta' l-istess gazzetta, fit 8 ta' Lulju 2012, l-editur tal-gazzetta Kullhadd ippubblika kumment intitolat "Apologija" u li fiha qal is-segwenti:- "*Fil-gazzetta KullHadd gie ppubblikat b'rabta ma' din l-istorja ritratt ta' persuna zbaljata li ghandha l-istess isem u l-istess eta ta' Mark Anthony Dimech. Niskuzaw rwiehna ghal kull inkonvenjent li dan l-izball genwin seta' holoq ghaz-zewgt persuni kkoncernati.*"
Illi, jirrizulta ukoll mill-istess dokumenti ippresentati mill-intimat, fil-gazzetta il-KullHadd ippubblikat fil 15 ta' Lulju 2012, 'Apologija' f'pagna 4 tal-gurnal, illi fih intqal is-segwenti:- "*Fil-pagna 3 tal-harga li ghaddiet ta' din il-gazzetta deher artikolu bit-titlu Caruana Galizia tissindika lil min jaqbilla. Bi zvista gie ppubblikat ritratt ta' persuna li m'ghandu x'jaqsam xejn mal-kontenut tal-artikolu, imma lli b'kumbinazzjoni ghandu l-istess isem u l-istess eta tal-*

*persuna msemmija fl-artikolu. Niskuzaw irwiehna ghall-kull inkonvenjent li seta nholoq minhabba dan l-izball genwin.*"

**Ikkunsidrat**
Illi, apparti dina l-ammissjoni tal-intimat, mhux quddiem dina l-Qorti, izda fuq is-sit elettroniku u fuq il-gazzetta tieghu stess, l-istess rikorrent ikkonferma illi huwa qatt ma kien suldat mal-Forzi Armati u qatt ma kellu x'jaqsam mal-qtil ta' Zoto, immigrant mill-Mali. Huwa stqarr illi r-ritratt li gie riprodott fuq il-gazzetta kien il-'profile picture' illi huwa ghandu fuq Facebook u hbiebu w il-gara tieghu gharrfuh illi semma fil-gazzetta li kien involtu fil-qtil ta' dana l-immigrant mill-Mali.
Illi r-rikorrent stqarr ukoll illi wara li l-gazzetta giet mgharrfa biz-zball kbir illi kienet ghamel, hija ghamlet il-korrezzjonijiet necessarji fil-harga li jmiss.

**Ikkunsidrat**
Illi, tenut kont ta' tali fatti u tal-ammissjoni maghmulha mill-intimat fil-pubbliku, il-Qorti ma tistax tifhem b'liema mod kien bi hsiebu illi jiddefendi il-kawza odjerna meta huwa stess, fil-pubbliku, ammetta illi ghamel zball.
Il-Qorti ma tistax ukoll ma tinnutax b'dispjacir illi l-kawza odjerna setghet tigi facilment tranzatta jew konkluza qabel, izda kien minhabba fir-reticjenza tal-intimat milli jidher quddiem il-Qorti, tali kwistjoni ma gietx deciza qabel.
Il-Qorti ma tistax ma tinnutax, finalment, illi tali tentattivi ta' dilungar inutili tal-proceduri legali ma huma xejn hlief hsara lis-sistema gudizzjarja, liema hsara qieghda tigi inflitta minn persuni illi jaghmlu minn kollox sabiex ma jigux gudukati ghalkemm jafu illi huma fil-hazin. Tali dilungar inutili ma huwiex aktar accettabbli minn dina l-Qorti u il-Qorti qed tillimita ruhha milli tiehu passi ulterjuri kontra il-persuni involuti fil-kaz li tawwlu tali proceduri inutilment.

**Ikkunsidrat**
Illi, kif gie rilevat mill-intimat, tenut kont tal-fatt illi l-intimat skuza ruhu ta' l-izball illi huwa ghamel, huwa ssottometta

li kien opportun illi, f'kaz li l- Qorti taghti danni, dawna jkunu ta' natura nominali.

Illi, sabiex il-Qorti tasal ghal kwantifikazzjoni tad-danni, hija trid tara x'setghu kienu l-effetti ta' dak pubblikat mill-intimat fuq ir-reputazzjoni tar-rikorrent u x'kienu attwalment l-effetti taghha.

Illi, jirrizulta mill-fatti provduti, illi taht ritratt illi jgib wicc ir-rikorrent, liema ritratt huwa ta' daqs medju izda bi prominenza, kien hemm miktub bi kliem relattviament kbar is-segwenti kliem - "*Wiehed mis-suldati akkuzati bil-qtil ta' Zoto, Mark Anthony Dimech, huwa ammiratur ta' Lawrence Gonzi. Imma dwar dan Caruana Galizia ma' qalet xejn*". Tali ritratt u kumment, wahdu, jokkupa kwazi kwart tal-pagna kollha, u ghalhekk wiehed jista japprezza l-prominenza illi inghatat.

Illi, minn naha l-ohra, l-apologija ili ghamel l-intimat certament ma jistghax jinghad illi kallha l-istess prominenza. Fis-sit elettroniku, l-apologija sarte f'kumment illi kien hemm taht l-artikolu, u l-intimat ma' ghamel xejn biex jaghti aktar prominenza lill tali apologija. Fil-gazzetta li harget il-gimgha ta' wara, imbghad, l-apologija saret f'kaxxa zghira, fir-raba pagna fil-kantuniera ta' isfel, u ghajr ghal kliem "Apologija" u ghall iskuza mitkuba bi kliem relattvament zghar, ma tidher illi ma saret ebda referenza ghar-ritratt tar-rikorrenti.

Certament, il-qarrej, wara illi jkun qara l-ewwel artikolu u ra ir-ritratt, ikun abbina ir-ritratt mal-istorja li giet irrappurtat u mhux l-istorja mar-ritratt, peress illi kien ir-ritratt illi inghata prominenza kbira u li kien libelluz fil-konfront tar-rikrorenti - kieku ma kienx hemm ir-ritratt, certament l-effetti malafamanti ghar-rikorrenti kienu jkunu negligibli jekk mhux inesistenti peress illi identifikazzjoni ma tkunx saret. Madanakollu, f'dan il-kaz, mhux talli saret l-identifikazzjoni, izda talli gie abbinat wicc ta' persuna illi, anke jekk ma jafhiex, il-qarrejj komuni ser jabbinah ma' delitt serju. Kien ghalhekk illi l-intimat, fl-apoligija li ghamel, l-anqas haga illi seta jaghmel kien illi jerggha mill-gdid jippubblika ir-ritratt tar-rikorrent u tahtu jippubblika l-apologija tieghu. Kien ikun b'dana il mod kif l-intimat kien jissana b'mod gust u ekwu il-hsara illi kienet saret lir-rikorrent. Billi wiehed jikteb erba kellmiet ta' soghba filwaqt illi ma jurix lill-qarrej komuni dwar xiex u fuq min

attwalment sar l-izball, certament ma ghandhux jitqies bhala sufficjenti biex inaqqas kwalsiasi responsabbilta' tieghu f'ghajn il-Qorti.
Ir-rikorrent, da parte tieghu, jghid illi huwa ma kien jaf xejn dwar ir-ritratt u kienu l-gara u hbieb tieghu illi gibdulu l-attenzjoni ghal tali artikolu. Kien ghalhekk illi hareg car illi ir-reputazzjoni tar-rikorrent certament giet mttiefsa peress illi kienu terzi persuni li gharrfuh bil-fatt illi kien qed jigi allegat li huwa qatel lill Zoto, l-immigrat mill-Mali. Tali hsara certament ma tistax tigi mequsja bhala wahda illi timmerita danni nominali!
Kif gia kelha l-okkazzjoni tghid il-Qorti, gurnalizmu serju ghandu dejjem jigi protett minn dina l-Qorti, peress illi huwa l-bazi ta' socjeta demokratika fejn veduti jigu skambjati u accettati minn kullhadd bhala li huma minghajr ebda riperkussjoni, sakemm tali xoghol tal-gurnalist ikun sar sew u b'impenn. Fil-kaz odjern, jidher car illi hawnhekk hawn kaz ta' gurnalizmu pessmu, meta l-intimat, biex jzomm l-qarrejja tieghu ' *au courant*' ta' azzjonijiet mehudha minn gurnalista ohra li maghha kemm l-intimat kif ukoll hafna nies ohra mhux necessarjament jaqblu, qabad u zeffen ritratt illi r-rikorrent kellu fil-facebook account tieghu, minghajr ma ghad joqghod jivverifika jekk attwament kienx dana il-persuna li kien allegatament ikkommetta d-delitt minnu attribwit. Tali nuqqas juri nuqqas kbir ta' serjeta kif ukoll nuqqas da parte tal-intimat u l-gurnalisti tieghu illi japprezzaw il-hsara kbira ill huwa jaghmlu meta jaqbdu u jirrappurtaw stejjer dwar persuni minghajr ma jaghmlu l-istharrig taghhom kif mitlub. Ghalihom, l-importanti huwa li johorgu l-istorja sabiex ix-xewqa tal-qarrej ghal stejjer skandaluzi jigi soddisfatt - dwar l-effetti illi tali storja jista jkollha fuq persuni innocenti li ddahhlu fiha, huma ma jimpurtahom xejn - hija dina l-indifferenza kbira ta' tali gurnalisti illi dina l-Qorti certament bl-ebda mod ma tista tikkondona billi taghti danni nominali, kif jippretendi l-intimat.

**Konkluzjoni**
Il-Qorti
Wara illi rat il-provi kollha prodotti u l-ammissjoni da' parte tal-intimat fuq il-mezzi tax-xandir illi huwa kien ghamel zball,

Wara illi rat illi minkejja tali ammissjoni, quddiem il-Qorti, l-intimat stqarr illi huwa ghamel xogholu skond id-diligenza rikjesta u ma kellu ebda 'animus iniuriandi' u ghalhekk id-danni kellhom ikunu nominali.
Tghaddi beix taqta u tiddeciedi l-kaz billi
**Tichad** l-eccezzjonjiet kollha tal-intimat u
**Tilqa** it-talbiet tar-rikorrent u tiddikjara illi il-pubblikazzjoni li deher fil-harga ta' Kullhadd tat 8 ta' Lulju 2012 f'pagna 3 fejn hemm storja intitolata 'Caruana Galizia tissindika lil min jaqbilla' u ritratt tieghu mal-istorja hija libelluza u malafamanti fil-konfront tieghu u
**Tillikkwida** d-danni dovuti lir-rikorrent da parte tal-intimat a tenru tal-Artikolu 28 tal-KAp 248 fis-somma ta' elf Euro (€1,000) u ghalhekk
**Tikkundanna** lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta' elf euro (€1,000) rappresentanti danni dovuti lir-rikorrent rizultat tal-pubblikazzjoni libelluza fuq imsemmija, bl-imghax mid-data tal-publikazzjoni tal-artikolu, jigifieri 8 ta' Lulju 2012 sad-data tal-pagamenti effettiv.
Spejjez tal-proceduri odjerni ikunu kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------